**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**20 ta' Settembru, 2020**

# IT-TAGĦLIM GĦAL ULIEDKOM

Lil kull wieħed u waħda minna Alla tana talenti u kariżmi, kapaċitajiet u għarfien biex ninbnew fil-Ġisem ta' Kristu.
Illum ippermettuli ngħid kelma fuq it-tagħlim Nisrani; id-duttrina. Meta ngħidu t-"Tagħlim Nisrani" aħna nifhmu dak kollu li aħna nagħmlu biex insiru nafu lil Ġesù, insiru nħobbu tiegħu u ngħixu għaliH. Fil-Bibbja: li nistgħu naqrawha weħidna u nistgħu nfittxu nies li jfissruhielna. Il-Bibbja tagħtina l-Liġi ta' Kristu, jiġifieri hija tgħallimna l-istil ta' ħajja tixbah lil ta' Kristu.
It-tfal jiksbu t-tagħlim billi noħolqulhom ambjent fejn huma jsibu fil-ġenituri u oħrajn, eżempji ta' qdusija.
It-tagħlim jingħata fis-sagramenti, speċjalment meta l-qassis jagħmel l-omelija fil-quddiesa.



Fuq kollox it-tagħlim jingħata fid-duttrina, fil-laqgħat ta' formazzjoni. Id-duttrina hija importanti mhux sempliċiment li jitgħallmu kliem u stejjer. Id-duttrina tibni lit-tfal għax tagħtihom il-VERITÀ TA' KRISTU, STIL TA' ĦAJJA, u l-MOD TA' KIF IĦOBBU.
Li t-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jiltaqgħu fiżikament flimkien huwa importanti ħafna. Il-M.U.S.E.U.M., iċ-Ċentru, il-gruppi u l-movimenti ta' Apostolat bħalissa qed jaħdmu fuq programm adattat għas-sitwazzjoni preżenti. Għalkemm ma ħlisniex mill-marda, bl-għajnuna t'Alla nkunu nistgħu nagħtu l-minimu meħtieġ lit-tfal tagħkom, fil-ħarsien ta' saħħithom.
Ejjew ngħinu lill-katekisti u lit-tfal. Iktar dettalji dwar jiem u ħinijiet, fil-ħarġa tal-bullettin tas-27 ta' Settembru.

***L-Arċipriet***

## LAQGĦAT FIĊ-ĊENTRU GĦALL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ
(jibdew mis-7 t'Ottubru)

**Form 2 (Yr 8):** L-Erbgħa fis-6:00pm *
**Forms 3-5 (Yr 9-11):** L-Erbgħa fit-8:00pm
**16+:** Il-Ħamis fit-8:00pm
**18+:** It-Tlieta fit-8:00pm (Malta/Għawdex)
**Prayer Group (15+):** Il-Ġimgħa fit-8:00pm

NADUR TEEN & YOUTH CENTRE

***FORM 2 FRESHERS:** se ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru fis-7:30pm għall-istudenti li dan is-sajf għamlu l-Griżma u li issa ser ikunu Form 2 (Yr 8) biex nispjegawlhom x'nagħmlu ċ-Ċentru u eventwalment isiru parti mill-NTYC. Wara jkun hemm mument ta' logħob. Kull min jiġi hemm bżonn li jġib miegħu l-maskra.

Nixtiequ nserrħu ras il-ġenituri/kustodji li ser nagħmlu li nistgħu biex nimxu dejjem mar-regoli li qed joħorġu l-awtoritajiet tas-saħħa ħalli nipprevjenu kull tixrid ta' mard.

## AVVIŻI OĦRAJN

**FESTA TA' SAN PIJU TAL-PJAGI:** nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru fil-knisja tal-Kapuċċini, ir-Rabat. Ir-rużarju jibda fis-6.15pm u wara l-quddiesa. Tingħata tifkira u jsir il-bews tar-relikwa. Mhux qed ikun provdut trasport.

**TILQIMA TAL-INFLUWENZA:** dawk ir-residenti li huma 'home bound' (etá ta' 65 jew aktar), kif ukoll persuni b'diżabbiltà li ma jistgħux joħorġu mid-dar, huma mitluba jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sas-26 ta' Settembru, 2020.

**LEWŻ MORR:** grazzi lil dawk li bdew jiġbru u lil dawk li qed jgħinu b'mod jew ieħor biex ikun jista' jinbiegħ bħala għajnuna għall-missjoni. Min jogħġbu jġib jista' jpoġġih fl-Uffiċċju Parrokkjali. Ma nħalluhx jintrema għalkemm bi ftit sagrifiċċju.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am